VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,960, 28 ta' August, 2012
Taqsima B

A.L. 283 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Family Studies taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Family Studies taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Family Studies;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Family Studies; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II fl-oqsma tal-Psikoloġija, tas-Social Work u / jew tal-Edukazzjoni jew fi kwalunkwe qasam ieħor relatat max-Xjenzi Soċjali, meqjus bħala rilevanti mill-Bord tal-Istudji.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu, li minnhom 30 krettu huma assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u 60 krettu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord tal-Istudji wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. Il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma għandha ssir sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsimiet studju.

8. L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn taqsima studju mgħallma għandhom jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid matul is-sessjoni supplimentari tal-eżamijiet ta' Settembru.

9. L-istudenti li jeħlu f'aktar minn taqsima studju waħda kif permess skont l-ordinament 8 jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għat-taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' madwar 40,000 kelma skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta tar-riċerka. Kull student għandu jkun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju.

(3) It-titolu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu sottomessi lill-Bord tal-Istudji għall-approvazzjoni fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11. (1) Il-Bord tal-Istudji għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Direttur taċ-Ċentru bħala *Chairman*, jew id-delegat tiegħu / tagħha, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta d-Direttur taċ-Ċentru jkun is-superviżur, hu / hi ma jkunx / tkunx jista' joqgħod bħala *Chairman*.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, kif meħtieġ, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, u għandu jiltaqa' għall-anqas darbtejn fis-sena biex jirrevedi dan il-progress.

(3) L-istudenti għandhom jirrappurtaw għand is-superviżuri tagħhom għall-anqas darba kull xahrejn, kif ukoll kull meta s-superviżur iqis neċessarju.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, is-superviżuri jkunu meħtieġa jissottomettu lill-Panil ta' Superviżjoni rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni minn għand dan il-Panil għal kwalunkwe modifika sostanzjali fit-titolu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jinforma perjodikament lill-Bord tal-Istudji bil-miktub, dwar il-livell ġenerali milħuq minn kull student. Dawn il-pariri jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perjodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

13. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.